MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Numru. 102/2006

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND AQUILINA
VS
*OMISSIS*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *omissis*, ta' *omissis* sena, bin *omissis*, imwieled *omissis,* u residenti *omissis*, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru *omissis,* u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-31 t'Ottubru 2005, u fix-xhur ta' qabel din id-data, bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed ritratt, 'film', 'video recording' jew xbieha elettronika indicenti ta' persuna ta' taht l-eta', jew qassam jew wera ritratt, 'film', 'video recording' jew xbieha elettronika ndicenti bhal dawn, jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, 'film', 'video recording' jew xbieha elettronika ndicenti bhal dawn.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 3).

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Rat illi l-imputat accetta kwalunkwe ‘treatment’ illi din il-Qorti tkun propensa illi tikkonsidra (ara fol. 65).

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikli 208A, 28A u 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat *omissis* ghal xahar prigunerija sospiza ghal sena. In oltre, tqieghdu taht ‘supervision suspended order’ ghal zmien sena, taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer minnu nominat. Di piu’, tqieghed lill-imputat taht ‘treatment order’, ai termini tal-Artikolu 412D, mal-Clinical Psychologist Roberta Holland, liema terapija ghandha tikkonsisti fl-laqghat terapewtici mal-istess psikologa Holland, bi frekwenza ta’ mill-anqas darbtejn fix-xahar ghal perjodu ta’ sena, jew skond l-istruzzjonijiet tal-istess Clinical Psychologist Holland.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali netta tieghu u l-eta’ giovvanili tieghu, il-koperazzjoni li wera f’dan il-process.

Il-Qorti tordna divjet tal-pubblikazzjoni tal-isem u l-partikolarijiet kollha tal-imputat in vista tac-cirkostanzi specjali ta’ dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------